MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 209/2009

**Dr Mireille Vella**
**(ID 274585M)**

**vs**

**Felix Agius**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat fil-5 ta' Gunju 2009 fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti li, prevja dikjarazzjoni li l-kontenut ta’ l-artikolu 'Il-Kaz tal-veterinarja fid-Divizjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni: kompliet taccetta xoghol privat minkejja li ma kellhiex il-permessi mehtiega" ippubblikat f'pagna 8 tal-harga tal-'Kullhadd' tas-17 ta' Mejju 2009, li tieghu l-intimat kien l-editur, huwa libelluz u malafamanti u jikkontjeni allegazzjonijiet foloz li ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tar-rikorrent, il-Qorti tikkundanna lill-istess intimat ihallas

lill-attrici dik is-somma li tistabbilixxi din il-Qorti bhala danni moralli a tenur ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat ir-risposta ta' Felix Agiusipprezentata fl-1 ta' Lulju 2009 fejn laqa' ghal tali akkuzi billi eccepixxa:-

1. Illi l-pubblikazzjoni imsemmija mill-attrici mhix libelluza;

2. Illi l-pubblikazzjoni imsemmija mill-attrici tikkonsisti f'rappurtagg gurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku attwali accettabbli f'socjeta demokratika, kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll taht il-ligi ta’ l-Istampa. Jekk l-attrici deherilha li gew ippubblikati jew ixxandru inezattezzi li jolqtu lilha, hija kellha r-rimedji tar-rettifika taht l-istess Att dwar l-Istampa;

3. Illi, subordinarjament u minghajr pregudizzju, in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f'fair comment maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabbli f'socjeta demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Rat l-artikolu meritu tal-kaz odjern ippubblikat fil-harga tal-gazzetta Kullhadd tas-17 ta' Mejju 2009 intitolat "Il-kaz tal-veterinarja fid-Divizjoni tal-Konsumatur u l-Kompetizzjoni - Kompliet taccetta xoghol privat minkejja li ma kellhiex il-permessi mehtiega"

Rat ix-xhieda ta' Dr Mireille Vella moghtija fis-16 ta' Gunju 2012 illi stqarret illi hija hassitha malafamanti peress illi l-artikolu jghid illi hija hadmet ta' Veterinarja minghajr premess, meta attwalment kellha permess, kif ukoll ghax l-artikolu jinsinwa illi hija ma kellhiex l-kwalifiki biex tmexxi d-Dipartiment tal-Konsumatur u l-Kompetizzjoni. Ghalkemm ma kienetx f'pusizzjoni illi tghaddi kopja tal-permess biex hija tahdem part-time ta' veterinarja meta hija Direttur Generali tad-Divizjoni ghall-Konsumatur u Kompetizzjoni, peress illi stqarret li hi m' ghandhiex kopja u tali permess qieghed f'xi file fil-ministeru li issa kien inbidel, hija kkonfermat illi hija kellha permess. Dwar il-

post ta' Direttur Generali, hija stqarret li applikat ghal tali post u intghazlet fuq il-kwalifiki illi kellha, fosthom illi fl-1999 kienet stazzjonata Brussel fid-Dipartiment tal-Consumer Health and Protection.

Rat ix-xhieda ta' Marcel Pizzuto, illi inghatat fis-16 ta' Gunju 2010, li kien is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Competizzjoni bejn l-2006 u l-2008, meta giet mahtura Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni. Huwa stqarr illi r-rikorrenti Vella kienet avvicinatu ghal permess sabiex taghmel xoghol part-time ta' veterninarja, u huwa kien taht l-impressjoni illi tali talba kellha tintlaqa' peress illi meta kienet tahdem fid-Dipartiment ta’ l-Agrikultura, hija kellha permess simili. Biex tinghata tali permess, Vella kellha timla applikazzjoni illi tintbghat lid-Director Corporate Services fi hdan il-Ministeru tal-Komsumatur u Kompetizzjoni peress illi kopja ta' tali permess trid tintbghat lill-Kummisarju tat-Taxxi Interni. Pizzuto, izda, stqarr illi ghalkemm tali permessi jigu ffirmati mis-Segretarju Permanenti, huwa ma jiftakarx jiffirma xi permess u zied jghid li meta tkellem tad-Director Corporate Services wara illi harget l-istorja, dana infurmah illi ma kienx a korrent tal-fatt illi inhareg xi permess ghar-rikorrenti Vella. Fl-ahhar Pizzuto qal li, darba minnhom, huwa kien qed ikellem lis-Sur Alfred Camilleri, illi huwa s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi, u meta staqsieh jekk Dr Vella kellhiex dana il-permess, huwa l-ewwel qallu illi sa fejn kien jaf, kellha permess ghax kien jezisti minn qabel, izda sussegwentement, meta sar jaf illi ma kellhiex permess, infurmah mal-ewwel,

Rat illi fit-23 ta' Novembru 2010 r-rikorrenti iddikjarat illi ma fadallhiex aktar provi.

Rat ix-xhieda ta' Owen Galea moghtija fit-8 ta' Marzu 2011 illi stqarr illi huwa kien il-gurnalist illi kiteb l-artikolu in kwistjoni, liema storja huwa segwa wara illi kienet giet ippubblikata storja minn Julia Farrugia fuq il-gazzetta Illum. L-istorja ta' Farrugia kienet tghid illi, meta din cemplet lil Dr Vella waqt il-hin tax-xoghol, Dr Vella qdietha dwar ix-xoghol privat taghha ta veterinarja. L-istess

Farrugia, fl-istorja taghha, kienet staqsiet lill- Ufficju tal-Prim Ministru jekk jahsbux illi hemm xi kunflitt f'tali kazijiet u hija giet infurmata illi l-Ufficju tal-Prim Ministru kien in procint illi ibiddel xi regoli biex dan ma jsehhx aktar.

Galea stqarr ukoll illi l-Onorevoli Helena Dalli ghamlet zewg mistoqsijiet parlamentari, ossija 7110 u 7111, fejn fl-ewwel domanda l-Ministeru tal-Finanzi gharraf illi Dr Vella ma kienetx applikat biex taghmel xoghol privat u ghalhekk ma kellhiex permess taghmel hekk, filwaqt illi fit-tieni domanda l-istess Ministeru gharraf illi meta wiehed jinghata promotion ghal grad iehor, kull permess moghti ghal xoghol privat jitqies bhala irtirat u wiehed ghandu japplika ghalih mill-gdid.

Galea zied jghid illi huwa imbghad ghamel lista ta' domandi lill-Ministeru tal-Finanzi illi ghalihom huwa rcieva domandi li ma cahdux dak illi huwa kien qieghed jirrapporta, peress illi Dr Vella kellha permess moghti lilha mill-Ministeru fejn kienet qabel u ziedu jghidu illi kienet ghaddejja revizjoni ta' tali prassi li tinvolvi senior management.

Rat ukoll ix-xhieda ta' Julia Farrugia moghtija fit-8 ta' Marzu 2011 fejn stqarret illi hija kienet ippubblikat storja fuq il-gazzetta taghha Illum fejn kienet ghamlet sensiela ta' telefonati lir-rikorrenti waqt illi hija kienet fuq xogholha fid-Dipartiment, liema telefonati kienu jirrigwardaw servizzi veterinarji, u Dr Vella tatha appuntament privat waqt il-hin tax-xoghol taghha. Hija stqarret li kienet taf li Dr Vella kellha permess moghti lilha fil-legislatura precedenti, izda, la darba kien hemm legislatura gdida, dana kellu jigi rinnovat. Hi stqarret illi ghamlet l-istharrig taghha fuq medda ta' granet qabel ma ippubblikat l-istorja taghha, liema storja, izzid tghid Farrugia, ma gietx ikkontestata fil-Qorti minn Dr Vella.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kaz odjern, jirrizulta illi l-ilment principali tar-rikorrenti Dr Vella kien dovut ghal fatt illi l-artikolu allega illi hija

kienet qieghda tahdem minghajr permess, filwaqt illi hija sahqet li ghandha permess.

Jirrizulta illi dan li kienet qed tistqarr Dr Vella ma kienx ikkorroborat minn dokumentazzjoni fil-pussess taghha u lanqas mix-xhieda tas-Segretarju Permanenti illi tahtu hija kienet taqa' meta hadet l-appuntament,

Jirrizulta, apparti minn hekk, illi, wara domanda tal-Onorevoli Helena Dalli, Domanda Nru 7110, il-Ministru tal-Finanzi Dr Tonio Fenech qal testwalment:-

Ngharraf lill-Onorevoli Interpellant illi l-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment la qatt intalab u qatt ma ta' permess lid-Direttur Generali tad-Divizjoni ghall-Konsumatur u l-Kompetizzjoni sabiex taghmel xoghol privat.

Jirrizulta wkoll illi f'domanda successiva illi ghamlet l-istess Helena Dalli fejn staqsiet jekk permess jibqax vigenti meta tinbidel legislatura, l-istess Ministru tal-Finanzi ghamel referenza ghall-klawsola 7.3.2.3 tal-Public Management Code, li jghid:-

***If, during the period of approval to perform private work, a public officer is transferred, promoted or progresses to a higher scale, permission to perform private work shall be deemed as having been withdrawn automatically and a fresh approval shall be sought.***

Ir-rikorrent Vella, ghalkemm sahqet illi hija kellha permess, ma kienetx f'pusizzjoni illi tressaq tali permess lill-Qorti. Apparti minn hekk, Marcel Pizzuto, illi kien is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ikkonferma illi, ghalkemm ma kellu ebda problema illi jaghtiha tali permess, peress illi hija gia kellha permess fid-Dipartiment ta' qabel, huwa qatt ma iffirma ghal tali permess.

Ghalhekk, jidher car illi dak li kien qieghed jigi allegat mill-intimat kien korrett, u ghalhekk certament ma jistax jitqies bhala libelluz.

Jirrizulta wkoll illi l-kummenti illi saru dwar l-operat taghha ma kienux tali illi jqieghdu f'dawl ikrah il-kwalifiki tar-rikorrenti, izda kienu biss relatati mal-mod kif tahdem fid-Dipartiment, liema kummenti huma gusti u meritevoli.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Dr Louis Galea vs Joseph Mifsud deciza fit- 3 ta' Frar 2012,

***"Gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampia protezzjoni f'socjeta` demokratika. Anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist, xorta jibqghalu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq l-allegazzjoni – anke jekk tibqa allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-ligi. Dak li jsir f'kaz ta' gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat."***

Dwar tali posizzjoni, kienet anke saret referenza ghall-kawza Aquilina noe vs L-Avukat Generali et, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2008, fejn, b' riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri, dik il-Qorti kienet ghamlet din l-osservazzjoni dwar il-materja inkwistjoni:
“Fil-kawza Galea vs Mifsud, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Settembru 2007, intqal li gurnalizmu investigattiv ghandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal-pubbliku in generali li jkun infurmat. Intqal a propozitu li: “meta Qorti tkun rinfaccjata b'gurnalizmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija ghandha taghti margini u latitudni mill-aktar wiesa lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-ezami ta' jekk komment ikunx wiehed fair o meno (ara ez. Victor Pace v. Joe Azzopardi et, Qorti tal-Appell 8/6/2004); u wiehed jista' jmur oltre u jghid ukoll li meta si tratta ta' tali gurnalizmu investigattiv u responsabbli jista' jaghti l-kaz li jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilta` ghall-malafama anke jekk sussegwentement jirrizulta li xi fatt wiehed jew aktar li jkun

gie ppubblikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL [2006] UKHL 44; [2006] All ER(D) 132 (Oct)). Dan kollu pero`, ghar-raguni appena spjegata, ma japplikax ghall-ktieb meritu ta' din il-kawza ghax jonqos palesament l-element investigattiv fih.””

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kaz odjern il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi l-istorja kif irrapportata kienet rizultat ta' gurnalizmu investigattiv korrett u leali da' parte ta' Owen Galea, mghejun minn Julia Farrugia, illi kienet harget l-istorja inizjalment, u d-domandi parlamentari ta’ l-Onorevoli Helena Dalli, illi harget il-fatt li ma kienx hemm permess vigenti.

Ghalhekk, din il-Qorti, kif qalet illi ser taghmel f'sentenzi precedenti taghha, u kif ghamlu il-precedessuri ta’ l-istess Qorti, ser tassikura illi dak li jsir b'mod korrett u leali jigi protett, peress illi huwa fl-ahjar interess tad-demokrazija li l-gurnalizmu korrett jigi protett filwaqt illi dak zlejali jigi punit.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti;

Wara illi rat l-artikolu in kwistjoni;

Tqis illi ma hemm xejn malafamanti kontra r-rikorrenti u ghalhekk;

Taqta u tiddeciedi billi

Tilqa l-eccezzjonjiet ta’ l-intimat u

Tichad it-talba attrici

L-ispejjez kollha tal-kaz ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrent

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------